## Li kieku kont…

Kemm nixtieq li jiena kont nista' ntir; kieku żgur li kulħadd kien japprezzani u jiċċassa x'ħin iħares lejja.

Li kieku kont ntir, żgur li l-għasafar kienu jibżgħu minni minħabba li jien inkun ħafna akbar minnhom. Kont immur u ntellaq magħhom, u n-nies jiċċassaw x'ħin jaraw persuna ttir. Aħħ x'gost! Jekk tkun ittir ma jkollokx bżonn petrol jew *diesel* bħal karozzi, u għalhekk ħadd ma jkun jista' jgħid li qed nħammeġ l-arja bit-tniġġis.

Li kieku kont intir arani fl-aħħar tal-ġimgħa mmur għand il-kuġina tiegħi li toqgħod l-Iżvizzera, jew inkella mmur il-baħar fejn nasal qabel il-familja tiegħi. Meta nasal noqgħod nistenna bil-wieqfa f'wiċċ l-ilma.

Kemm kont nasal malajr l-iskola kieku kont intir! Kemm kienu jieħdu gost bija kieku dawk in-nies li jiġrilhom xi inċident. Kont immur nara x'għandhom bżonn u nasal qabel l-ambulanza. Kemm kienu jirringrazzjawni dawk in-nies feruti, l-aktar dawk li kienu jkunu fil-periklu tal-mewt!

Li kieku kont intir kont nitla' fis-sema u nibqa' tiela' 'l fuq sakemm nilħaq il-ġenna. Hemm nara lin-nanniet mejtin. Min jaf kieku kemm jieħdu

gost noqgħod inkellimhom! Żgur li mmur narahom kuljum kieku kont intir.

Kont inservi ta' ġid għal ħija, kieku kont intir, għax, bejnietna, huwa ftit qasir u biex iġib xi ħaġa mill-għoli jrid jagħmel wegħda. Għalhekk kont inkun nista' nagħtih daqqa t'id.

Iżda din hija biss ħolma milli dejjem noħlom jien, għax kif tafu l-ebda bniedem ma jista' jtir. Imma jien xorta waħda nibqa' noħlom u sikwit ngħid bejni u bejn ruħi: li kieku kont intir…!

(Composition taken from a past MALTESE Junior Lyceum Entrance Examination Paper into Form 1.)